MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2013

Numru. 1108/2013

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**Spettur Carol Fabri**

**VS**

**Nicola McHarg, bint Gordon McHarg u Nathalie nee' Gauci, imwielda San Giljan nhar is-6 ta' Lulju, 1979, residenti fil-fond numru 25, Triq San Frangisk Saverju, Birzebbuga, detentrici tal-karta tal-identita' numru 436279M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Nicola McHarg** li giet akkuzata talli nhar it-2 ta' Novembru, 2013, u/jew fil-jiem u/jew gimghat ta' qabel, mill-fond numru 38, Triq San Frangisk Saverju, Birzebbuga:

1. Ikkommettiet serq ta’ diversi bicciet ta’ gojjellerija u Cashlink Card, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329,37), bil-lok, bil-persuna u bil-hin, liema serq sar ghad-dannu ta’ Mary Fox, u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli bejn l-14 ta’ Ottubru, 2013 u s-6 ta’ Novembru, 2013, minn diversi ferghat tal-Bank of Valletta plc f’Malta, b’diversi atti maghmulin mill-istess imputata, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ikkommettiet serq ta’ flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329,37), bil-persuna, u bil-hin, liema serq sar ghad-detriment ta’ Mary Fox, u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entita’ u/jew entitajiet ohra;

3. U aktar talli fis-7 ta’ Novembru, 2013 u/jew fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, meta l-indirizz fuq il-karta tal-identita’ tal-imputata ma baqax iktar validu jew xort’ohra ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien hija naqset illi tirrapporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqset milli tikkonsenja l-istess karta tal-identita’ mhux korretta lil, u li taghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn dak l-ufficjal;

4. U aktar talli rrendiet ruhha recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, permezz ta’ diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi.

Rat illi fl-istadju tal-interrogatorju mal-prezentata b’arrest, l-imputata ghazlet illi tirregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha, u dan wara li giet moghtija zmien xieraq skont il-Ligi sabiex terga’ tahseb dwar l-istess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 278, 279, 280, 281, 17, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u kif ukoll l-Artikoli 19, 24, tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija mputata **Nicola McHarg** hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha, u tikkundannaha ghal piena karcerarja effettiva ta’ tlitt(3) snin, b'rakkomdanazzjoni lid-Direttur tal-Habs sabiex Nicola McHarg tinghata kull ghajnuna psikjatrika u psikologika, li di viso l-Qorti tista' tikkonstata b'mod lampanti li ghandha bzonn;
Kif ukoll illi tinghata l-ghajuna kollha biex tirciev i assistenza kontra l-vizzju tal-abbuz ta' droga, u anke li taghmel programm appozitu.

Il-Qorti bil-qawwa tirrakkomanda wkoll illi Nicola McHarg immedjatament tigi moghtija assistenza medika, psikjatrika u psikologika, u tigi ezaminata ghall-istess, kif appena tigi ammessa l-Facilita' ta' Kordin;
Kif ukoll qieghda tordna li tibqa' tigi segwita minn Mary Rose Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------